

Brussell, 13 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11885/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0191 (NLE)

POLCOM 277
WTO 76
SERVICES 39
DATAPROTECT 237
TELECOM 387

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 356 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 356 final.

Mehmuż: COM(2026) 356 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2026
COM(2026) 356 final

2026/0191 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-11-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (“WTO”) f'Diċembru 2017, grupp ta' 71 membru tad-WTO, inkluża l-Unjoni Ewropea, qablu li jibdew ħidma esploratorja għal negozjati tad-WTO futuri dwar aspetti relatati man-negozju tal-kummerċ elettroniku.

F'Jannar 2019, 77 membru tad-WTO, inkluża l-Unjoni Ewropea, ikkonfermaw f'dikjarazzjoni konġunta l-intenzjoni tagħhom li jibdew dawn in-negozjati, filwaqt li qablu li jippruvaw jiksibu eżitu ta' standard għoli li jibni fuq ftehimiet u oqfsa eżistenti tad-WTO bil-parteċipazzjoni tal-akbar għadd possibbli ta' membri tad-WTO.

F'Diċembru 2024, wara ħames snin ta' negozjati, 71 membru tad-WTO ċċirkolaw komunikazzjoni li kienet tinkludi t-test maqbul tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku (il-“Ftehim”) u indikaw l-objettiv kondiviż tagħhom li jitolbu deċiżjoni fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO biex il-Ftehim jiġi inkorporat fl-Anness 4 tal-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-“Ftehim tad-WTO”).

Il-Kunsill Ġenerali tad-WTO ma setax jilħaq kunsens dwar l-inkorporazzjoni fis-sessjonijiet tiegħu ta' Frar u Diċembru 2025. Għalhekk, fit-28 ta' Marzu 2026, inħarġet Dikjarazzjoni Konġunta li tirrappreżenta 67 membru tad-WTO, inkluża l-Unjoni Ewropea, li tikkonferma l-intenzjoni tagħhom li jimplimentaw il-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku, malajr kemm jista' jkun, soġġett għat-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa tagħhom. Għal dak l-għan, żdied Anness dwar l-Arranġamenti Proviżorji, inkluż Appendiċi dwar il-Proċeduri ta' Arbitraġġ tal-Appell, mal-Ftehim biex jippermetti l-applikazzjoni tiegħu fuq bażi proviżorja. Il-parteċipanti tal-Ftehim se jkomplu jitolbu deċiżjoni li żżid il-Ftehim mal-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO. Il-Ftehim se japplika fuq bażi proviżorja skont l-Anness dwar l-Arranġamenti Proviżorji, sa dakinhar li l-Ftehim jiżdied mal-Ftehim tad-WTO.

Il-Ftehim se jistabbilixxi l-ewwel sett globali ta' regoli li qatt sar dwar il-kummerċ diġitali, u se jistabbilixxi bażi regolatorja li sett wiesa' ta' pajjiżi jistgħu jaħdmu fuqha biex jiżviluppaw l-ekonomiji diġitali tagħhom u jipromwovu l-kummerċ diġitali transfruntier u fil-pajjiż.

Il-Ftehim jinkludi:

- Dixxiplini ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ li jistgħu jwasslu għal kummerċ diġitali aktar bla xkiel kemm fil-pajjiżi kif ukoll bejn il-fruntieri (eż. dispożizzjonijiet dwar kummerċ mingħajr karti, kuntratti elettroniċi, awtentikazzjoni elettronika u firem elettroniċi).
- Dispożizzjonijiet biex tittejjeb il-fiduċja fl-ambjent tal-kummerċ diġitali kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji (eż. dispożizzjonijiet dwar messaġġi elettroniċi kummerċjali mhux mitluba, protezzjoni tal-konsumatur online, ċibersigurtà, jew aċċess miftuħ għall-internet).
- Dispożizzjonijiet li jwasslu għal ambjent kummerċjali diġitali internazzjonali aktar affidabbli, li jiżgura li l-konsumaturi u l-kumpaniji jkomplu jaċċessaw l-internet u s-servizzi elettroniċi bi prezzijiet affordabbli (eż. dispożizzjonijiet dwar pagamenti elettroniċi jew servizzi tat-telekomunikazzjoni).
- Projbizzjoni ta' dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi.

- Komponent ta' żvilupp, li għandu l-għan li jippermetti u jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi u tal-kumpaniji minn pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-kummerċ diġitali.
- Eżċezzjoni orizzontali għall-miżuri għall-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza.

F'konformità mal-Artikolu 29 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku, l-aċċettazzjoni tal-Ftehim għandha sseħħ permezz tad-depożitu ta' strument ta' aċċettazzjoni mad-Direttur Ġenerali tad-WTO. Il-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku għandu jidħol fis-seħħ, għal dawk il-membri tad-WTO li jkunu aċċettawh, fit-30 jum wara d-data tad-depożitu tal-45 strument ta' aċċettazzjoni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

In-negozjati saru f'konsultazzjoni mill-qrib mas-Servizzi u l-Investment tal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali kif previst fl-Artikolu 218(3) TFUE. Il-konklużjoni formali tan-negozjati mill-Kunsill hija wieħed mill-passi meħtieġa skont l-Artikolu 218(6) TFUE biex jingħata effett legali lill-eżitu nnegozjat.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Ftehim huwa kompletament konsistenti mal-politiki tal-Unjoni Ewropea.

2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali sostantiva**

L-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi n-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali bħala parti mill-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni.

Il-Ftehim ikopri r-regoli internazzjonali dwar il-kummerċ diġitali.

Minħabba li l-oġettiv ewlieni u l-komponent tal-Ftehim huwa l-promozzjoni tal-kummerċ diġitali mal-membri tad-WTO, il-bażi legali sostantiva hija l-Artikolu 207 TFUE.

- **Bażi legali proċedurali**

Peress li l-Artikolu 207 TFUE huwa l-bażi legali sostantiva, il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a).

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta dwar il-konklużjoni tal-Ftehim hija l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) TFUE.

- **Kompetenza tal-Unjoni**

Il-kummerċ diġitali jifforma parti mill-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni skont l-Artikolu 207 TFUE, li huwa qasam ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni skont l-Artikolu 3(1)(e) TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont l-Artikolu 5(3) tat-TUE, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax fl-oqsma tal-kompetenza esklużiva tal-UE.

- **Proporzjonalità**

Mhux Applikabbli

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija ppreżentata f'konformità tal-Artikolu 218(6) TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim. Ma jeżisti ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv ta' din il-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux Applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux Applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux Applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux Applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-Ftehim mhuwiex suġġetti għall-proċeduri tar-REFIT.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma taffettwax il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhuwiex mistenni li l-Ftehim ikollu impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux Applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Ftehim jistabbilixxi l-ewwel sett li qatt sar ta' regoli bażi globali dwar il-kummerċ diġitali. Huwa ftehim mifrux mal-ekonomija kollha li jkopri l-oġġetti, is-servizzi u l-informazzjoni. L-akkwist pubbliku mill-gvern, is-servizzi tal-gvern u l-informazzjoni miżmuma mill-gvern huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim. Id-dispożizzjonijiet ewlenin tiegħu huma kif ġej:

L-Artikolu 4 dwar il-Qafas tat-Tranżazzjonijiet Elettroniċi jipprevedi impenji li jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' oqfsa legali li jitrattaw l-informazzjoni elettronika u bbażata fuq il-karta b'mod ugwali u jagħtu rikonossiment legali lil tranżazzjonijiet u proċessi elettroniċi. Huwa jinkoraġġixxi wkoll l-użu legali u r-rikonossiment ta' rekords trasferibbli elettroniċi.

L-Artikolu 5 dwar l-Awtentikazzjoni Elettronika u l-Firem Elettroniċi jistabbilixxi li l-firem elettroniċi, is-siġilli, il-kronogrammi u s-servizzi ta' konsenja rreġistrati ma għandhomx

jigū rriġjutati purament minħabba li jkunu f'forma elettronika. Madankollu, xi metodi ta' awtentikazzjoni jew firma elettronika jista' jkollhom bżonn jissodisfaw ċerti standards ta' prestazzjoni jew jeħtieġu ċertifikazzjoni minn awtorità akkreditata rikonoxxuta mill-parti. Huwa jiffaċilita wkoll l-awtentikazzjoni elettronika interoperabbli u jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-firem elettroniċi bejn il-partijiet.

L-Artikolu 6 dwar il-Kuntratti Elettroniċi jiżgura li l-validità u l-infurzabilità legali tal-kuntratti elettroniċi ma jiġux miċħuda minħabba li jkunu saru b'mezzi elettroniċi. Kull eċċezzjoni trid tiġi stabbilita fil-leġiżlazzjoni jew fir-regolamenti.

L-Artikolu 7 dwar il-Fatturazzjoni Elettronika jipprevedi li l-fatturi elettroniċi huma legalment validi. Kull eċċezzjoni trid tiġi stabbilita fil-leġiżlazzjoni jew fir-regolamenti. Huwa għandu l-għan ukoll li jistabbilixxi prinċipji komuni u kooperazzjoni dwar l-interoperabbiltà tal-oqfsa tal-fatturazzjoni elettronika li jistgħu jipprevjenu standards speċifiċi għall-partijiet milli jsiru ostaklu għall-kummerċ.

L-Artikolu 8 dwar il-Kummerċ Mingħajr Karti għandu l-għan li jiżgura li l-maġġoranza vasta tal-formoli meħtieġa għall-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-tranżitu tal-merkanzija jkunu disponibbli u aċċettati elettronicament.

L-Artikolu 9 dwar l-Iskambju tad-Data bejn Twieqi Uniċi u l-Interoperabbiltà tas-Sistema Elettronika jiffaċilita l-adozzjoni ta' twieqi uniċi elettroniċi.

L-Artikolu 10 dwar il-pagamenti elettroniċi jirregola l-pagamenti elettroniċi bejn il-partijiet u jrawwem l-adozzjoni ta' standards internazzjonali.

L-Artikolu 11 dwar Dazji Doganali fuq Trażmissjonijiet Elettroniċi jipprojbixxi l-impożizzjoni ta' dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi bejn persuna ta' parti waħda u persuna ta' parti oħra, filwaqt li ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' taxxi interni, tariffi, jew imposti oħra fuq trażmissjonijiet ta' dan it-tip. Il-Ftehim jipprevedi li l-partijiet jirrieżaminaw dan l-Artikolu wara ħames snin u jikkunsidraw ikunx xieraq li jsirulu xi emendi.

L-Artikolu 12 dwar id-Data tal-Gvern Miftuħa jiffaċilita l-aċċess pubbliku għad-data tal-gvern biex jitrawmu l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, il-kompetittività u l-innovazzjoni.

L-Artikolu 13 dwar l-Aċċess għall-Internet u l-Użu tiegħu għall-Kummerċ Elettroniku jagħraf l-importanza tal-aċċess għall-internet u l-użu tiegħu għall-kummerċ elettroniku.

L-Artikolu 14 dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur Online jirrikjedi li l-partijiet jistabbilixxu oqfsa legali li jipproteġu lill-konsumaturi online minn attivitajiet kummerċjali qarrieqa, frawdolenti u li jiżgwidaw. Huwa jippromwovi wkoll l-aċċess għal mekkaniżmi ta' rimedju jew rikors għall-konsumatur u s-sensibilizzazzjoni tagħhom.

L-Artikolu 15 dwar Messaġġi Elettroniċi Kummerċjali Mhux Mitluba jirrikjedi li kull parti tistabbilixxi miżuri li jimminimizzaw il-messaġġi elettroniċi kummerċjali mhux mitluba.

L-Artikolu 16 dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali jiżgura l-impenn mill-partijiet li jistabbilixxu oqfsa legali li jipprevedu l-protezzjoni tad-data personali u li jinkoraġġixxu l-kompatibbiltà bejn reġimi differenti ta' protezzjoni tad-data.

L-Artikolu 17 dwar iċ-Ċibersigurtà jiffaċilita l-kooperazzjoni, l-iżvilupp ta' kapaċitajiet nazzjonali taċ-ċibersigurtà u approċċi bbażati fuq ir-riskju għaċ-ċibersigurtà bil-ħsieb li jitnaqqsu l-ostakli potenzjali għall-kummerċ.

L-Artikolu 18 dwar it-Trasparenza jirrikjedi li minnufih l-partijiet jippubblikaw jew jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-miżuri kollha ta' applikazzjoni ġenerali fil-qasam tal-kummerċ diġitali.

L-Artikolu 19 dwar il-Kooperazzjoni jistabbilixxi qafas biex tiġi intensifikata l-kooperazzjoni bejn il-partijiet f'oqsma speċifiċi ta' interess reċiproku.

L-Artikolu 20 dwar l-Iżvilupp jistabbilixxi mekkaniżmi għall-appoġġ tal-ekonomiji li qed jiżviluppaw, inklużi l-pajjiżi l-anqas żviluppati, fl-implimentazzjoni tal-Ftehim. Dawk il-mekkaniżmi jinkludu skadenzi estiżi għall-implimentazzjoni, assistenza teknika u bini tal-kapaċità.

L-Artikolu 21 dwar it-Telekomunikazzjonijiet jistabbilixxi impenji fuq l-awtoritajiet regolatorji tat-telekomunikazzjoni u jhegġegħ ukoll lill-partijiet iwettqu proċess ta' assenjażjoni tal-frekwenzi b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju għall-utenti kollha, filwaqt li jiddependu fuq approċċi bbażati fuq is-suq.

L-Artikoli 22 sa 26 dwar l-Eċċezzjonijiet jinkorporaw l-eċċezzjonijiet ġenerali u ta' sigurtà mill-GATT u l-GATS, kif ukoll id-dispożizzjoni tal-GATS dwar miżuri prudenzjali fil-Ftehim. Huma jistabbilixxu wkoll eċċezzjoni għall-protezzjoni tad-data personali u l-possibbiltà ta' trattament aktar favorevoli għall-popli indiġeni.

L-Artikoli 27 sa 38 fihom l-arranġamenti istituzzjonali u d-dispożizzjonijiet finali, inklużi: l-istabbiliment ta' proċeduri għar-Riżolviment tat-Tilwim (l-Artikolu 27) u l-ħolqien ta' Kumitat dwar l-aspetti relatati mal-Kummerċ tal-Kummerċ Elettroniku (l-Artikolu 28).

L-Artikolu 35 dwar ir-Rieżami jistabbilixxi perkors għall-partijiet biex jirrieżaminaw perjodikament l-impenji biex jiżguraw li l-Ftehim jibqa' aġġornat u rilevanti.

L-Anness tal-Arranġament Proviżorju fih dispożizzjonijiet li jirregolaw l-applikazzjoni tal-Ftehim sa dakinhar tal-inkorporazzjoni tiegħu fl-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO, inklużi dawk relatati mar-riżolviment tat-tilwim proviżorju. **L-Appendiċi dwar il-Proċeduri ta' Arbitraġġ tal-Appell** jistabbilixxi proċeduri ta' appell proviżorji.

Id-depożitu tal-istrument ta' aċċettazzjoni tal-Unjoni jippermetti d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fuq bażi proviżorja għal dawk il-membri tad-WTO li aċċettawh, fit-30 jum wara d-data tad-depożitu tal-45 strument ta' aċċettazzjoni u meta jiżdied mal-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO.

- **Test tal-Ftehim u n-notifiki**

It-test tal-Ftehim huwa ppreżentat lill-Kunsill flimkien ma' din il-proposta.

F'konformità mat-Trattati, hija l-Kummissjoni li għandha tipproċedi bid-depożitu tal-istrument ta' aċċettazzjoni tal-Unjoni previst fl-Artikolu 29 tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Billi:

- (1) Fil-11-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") f'Diċembru 2017, grupp ta' 71 membru tad-WTO, inkluża l-Unjoni Ewropea, qablu li jibdwew ħidma esploratorja għal negozjati tad-WTO futuri dwar aspetti relatati man-negozju tal-kummerċ elettroniku.
- (2) F'Jannar 2019, 77 membru tad-WTO, inkluża l-Unjoni, ikkonfermaw f'dikjarazzjoni konġunta l-intenzjoni tagħhom li jibdwew dawn in-negozjati, filwaqt li qablu li jippruvaw jiksbi eżitu ta' standard għoli li jibni fuq ftehimiet u oqfsa eżistenti tad-WTO bil-parteċipazzjoni tal-akbar għadd possibbli ta' membri tad-WTO.
- (3) F'Diċembru 2024, wara ħames snin ta' negozjati, 71 membru tad-WTO ċċirkolaw komunikazzjoni li kienet tinkludi t-test tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku ("il-Ftehim") u indikaw l-oġettiv kondiviż tagħhom li jitolbu deċiżjoni fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO biex il-ftehim jiġi inkorporat fl-Anness 4 tal-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("il-Ftehim tad-WTO").
- (4) Il-Kunsill Ġenerali tad-WTO ma setax jilħaq il-kunsens dwar l-inkorporazzjoni tal-Ftehim fl-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO fis-sessjonijiet tiegħu ta' Frar u Diċembru 2025.
- (5) Fit-28 ta' Marzu 2026, inhargiet Dikjarazzjoni Konġunta li tirrappreżenta 67 membru tad-WTO, inkluża l-Unjoni, li tikkonferma l-intenzjoni tagħhom li jimplimentaw il-Ftehim, malajr kemm jista' jkun, soġġett għat-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa tagħhom. Għal dak l-għan, żdied Anness dwar l-Arranġamenti Proviżorji, inkluż Appendiċi dwar il-Proċeduri ta' Arbitraġġ tal-Appell, mal-Ftehim biex jippermetti l-applikazzjoni tiegħu fuq bażi proviżorja sakemm jiġi inkorporat fl-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO. Jenħtieġ li l-parteċipanti tal-Ftehim ikomplu jitolbu deċiżjoni li żżid il-Ftehim mal-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO². Jenħtieġ li l-Ftehim japplika fuq bażi

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO għandha tkun li, f'każ li jinstab kunsens fost il-membri tad-WTO li l-Ftehim jiġi inkorporat fl-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO, tingħaqad ma' dan il-kunsens skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/915 tal-25 ta' Mejju 2025.

proviżorja f'konformità mal-Anness dwar l-Arranġamenti Proviżorji, sa dakinhar li l-Ftehim jiżdied mal-Ftehim tad-WTO.

- (6) Il-Ftehim se jistabbilixxi l-ewwel sett globali ta' regoli li qatt sar dwar il-kummerċ diġitali, u se jistabbilixxi bażi regolatorja li sett wiesa' ta' pajjiżi jistgħu jaħdmu fuqha biex jiżviluppaw l-ekonomiji diġitali tagħhom u jippromwovu l-kummerċ diġitali transfruntier u fil-pajjiż.
- (7) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill fil-bidu tal-14-il Konferenza Ministerjali tad-WTO tas-26 ta' Marzu 2026³ jappoġġaw il-progress lejn l-implimentazzjoni malajr kemm jista' jkun tal-Ftehim, inkluż permezz tal-applikazzjoni tiegħu fuq bażi proviżorja.
- (8) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fi [data tal-opinjoni]⁴.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 29 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku, jenħtieġ li l-aċċettazzjoni tal-Ftehim isseħħ permezz tad-depożitu ta' strument ta' aċċettazzjoni mad-Direttur Ġenerali tad-WTO.
- (10) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Dan il-Ftehim ma għandux jiġi interpretat bħala li jagħti xi drittijiet jew jimponi xi obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament fil-qrati tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

³ ST 7777/2026.

⁴ ĠU C [...], [...], p. [...].